IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

8 ta' Lulju 2017
52/2017

## L-IMPORTANZA TAL-EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA

Il-Knisja f'Malta tfakkar lill-ġenituri Kattoliċi li fl-għażliet li jagħmlu fl-edukazzjoni ta' uliedhom, huma għandhom id-dover li fl-iskola jagħżlu t-tagħlim tar-reliġjon. Dan ġie spjegat f'ċirkulari maħruġa mill-Kurja, li ser tinqara fil-knejjes fi tmiem din il-ġimgħa.

L-Arċisqof Charles J. Scicluna jfakkar lill-ġenituri fir-responsabbiltà li għandhom, li minn meta l-ulied ikunu għadhom żgħar, jgħinuhom biex jikbru fil-fidi bl-eżempju u bil-kelma, u billi jaraw li jirċievu l-formazzjoni meħtieġa.

L-Arċisqof, filwaqt li enfasizza l-importanza tal-formazzjoni reliġjuża fil-ħajja tal-familja, qal li l-komunità parrokkjali u l-iskola ma jeħdux post il-ġenituri imma huma kumplimentari għalihom.

Iċ-ċirkulari tikkwota l-Papa Franġisku, li fl-Eżortazzjoni Appostolika *Amoris Laetitia* (Il-Ferħ tal-Imħabba), jgħid b'mod ċar li l-edukazzjoni sħiħa tal-ulied hi dmir mill-iktar serju u fl-istess waqt dmir ewlieni tal-ġenituri.

Fl-isfond ta' dan kollu, qed tkompli l-ħidma biex it-tagħlim tar-reliġjon jiġi aġġornat, iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-lum, u jkun ta' għajnuna għall-istudenti.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**